**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2018

Rikors numru :223/18 AL

**AB**
u

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

**1.** Illi huma zzewgu f'Malta fil-Knisja ta' San Mark, ir-Rabat (Malta) fid-disgha (9) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995), kif jirrizulta mic-certifikat anness bhala <u>**Dokument A**</u>.

2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda, E li llum gahndha erbatax (14) –il sena.

3. Illi huma gew debitament awtorizzati sabiex jidhru fuq att ta' separazzjoni personali in forza tad-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tad-disgha (9) ta' April elfejn u erbatax (2014) liema att gie ffirmat fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi nhar il-hmistax (15) ta' April elfejn u erbatax (2014), li kopja tieghu qieghda tigi annessa ma` dana l-att bhala **Dokument B**.

4. Illi ghalhekk l-partijiet ilhom separati ghall aktar minn erbgħa (4) snin;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin;

6. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-**Artikolu 66B** tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Illi l-partijiet qiegħdin jipprezentaw ukoll dikjarazzjoni guramentata li tikkonferma li l-elementi meħtieġa sabiex jingħata dan id-divorzju jezitu; hawn annessa bħala Dokument C;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fid-disgha (9) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995).

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit kongunt taz-zewg partijiet;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Mejju, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-15 ta’ April, 2014 u ghalhekk ilhom separati ghal aktar minn erba’ snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.